bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Alexander Paul Miruzzi)
vs
Mario Magro, iben Carmelo, imwieled Pieta' fit-22 ta' jannar, 1969
u
Stephen Grioli, iben Gaetano, imwieled Pieta' fit-2 ta' lulju, 1974

Illum, 24 ta' jannar, 2001

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati -
1. talli bejn is-7 u il-15 ta' mejju, 2000 f'dawn il-Gżejjer, serqu dgħajsa, mudell Albatross, li tiswa aktar minn mitt lira maltin (Lm100) pero' anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) għad-dannu ta' Anthony Cachia, liema serq hu aggravat bil-valur;
2. talli fl-istess dati, lok u ċirkostanżi xjentement laqgħu għandhom, jiġifieri dgħajsa, mudell Albatross, jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-5 ta' lulju, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi bejn is-7 u il-15 ta' mejju, 2000 insterqet dgħajsa, tal-marka Albatross, minn Marsaskala. Din id-dgħajsa kienet inxtrat fit-8 ta' ġunju, 1983 għall-prezz ta' Lm280. Sidha kien għamel rapport ta' dan l-inċident lill-pulizija.

Illi fis-17 ta' mejju, 2000 Anthony Cachia, sid id-dgħajsa, kien informa li ra d-dgħajsa in kwistjoni l-Marsa ħdejn il-korsa taż-żwiemel. Il-pulizija marret fejn kienet id-dgħajsa u ordnaw lill-imputati biex itellgħuha l-għassa tal-pulizija tal-Ħamrun. Fil-fatt, l-imputati obdew, għabbew id-dgħajsa fuq il-karru li huma kienu xtraw għaliha u marru l-għassa tal-Ħamrun.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputati kienu xtraw din id-dgħajsa ftit jiem qabel mix-Xgħajra mingħand ġuvnott għall-prezz ta' Lm150. Huma ma kinux jafu min kien dan ir-raġel, ma talbuhx

riċevuta u iż–żewġ imputati xehdu li kif xtraw id-dgħajsa għabbewha fuq il-van ta' wieħed minnhom u telqu b'din l-istess dgħajsa.

Illi mill-provi prodotti ma tirriżulta ebda prova li biha l-imputati jistgħu jiġu misjuba ħatja tar-reat tas-serq.

Illi l-imputati ċaħdu li huma kienu jafu li din id-dgħajsa kienet misruqa. Kemm fl-istqarrijiet tagħhom, kif ukoll fix-xhieda tagħhom quddiem din il-Qorti kienu konsistenti u il-prezz li huma qalu li ħallsu hu wieħed raġonevoli għal dgħajsa ta' dik l-eta'. Inoltre, il-buona fede ta' l-imputati toħroġ mill-aġir tagħhom. Huma ma ħbewx din id-dgħajsa izda kienet il-Marsa f'post espost għall-pubbliku, proprju ħdejn il-korsa.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputai ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkużi.